MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1192/2005

**Visual and Sound Communications Limited (C6189)**

**Vs**

**Carmel Fenech f'ismu proprju kif ukoll a nom u in rapprezentanza ta' Hi-Fi Photo Video Clinic Limited (C15606)**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mitejn u sebgha u sebghin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm277.17c) rapprezentanti prezz ta' oggetti mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta' mittenti fuq inkarigu tieghu stess. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra illi l-konvenut Carmel Fenech, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici.

Sema' lil Dr Sarah Spiteri Gonzi tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sebgha u sebghin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm277.17c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------